**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM, it-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 2015**

**Kawża Nru 62**

**Rikors Nru. 416/15JRM**

**BANIF BANK (MALTA) p.l.c (C-41030)**

vs

**Pierre u Daphne (konjugi) DEBONO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fis-6 ta' Mejju, 2015, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet:

a) li din il-Qorti taqta' l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) issib li l-imħarrkin miżżewġin Debono saru debituri tal-istess soċjeta rikorrenti fl-ammont ta' sitta u għoxrin elf mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€26,237.31); u

c) li l-Qorti tikkundanna lill-imħarrkin, biex iħallsu lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €26,237.31 li tirrapreżenta l-bilanċi minnhom dovuti dwar faċilitajiet bankarji ta' self u karta ta' kreditu, flimkien mal-imgħaxijiet fuq dawk il-bilanċi sat-12 ta' Marzu, 2015, u kif ukoll spejjez bankarji;

Talbet wkoll il-ħlas ta' l-imgħax legali u l-ispejjez;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 187(3) tal-Kap 12, lill-intimati li ressqu Nota waqt is-smigħ tas-7 ta' Ottubru, 2015, għall-finijiet tal-artikolu 170 (1) tal-Kap 12;

Semgħet l-Avukati tal-partijiet;

Rat il-provvediment mogħti minnha waqt is-smigħ tal-lum li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrkin biex jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Eżaminat l-atti tar-Rikors; magħduda fosthom in-Nota mressqa mill-Bank attur fit-13 ta' Ottubru, 2015, li biha naqqset it-talba għal erbgħa u għoxrin elf mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€24,237.31);

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta attriċi** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ**;**

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-imħarrkin, biex iħallsu lis-soċjeta attriċi s-somma ta' erbgħa u għoxrin elf mitejn u sebgħa u tletin euro u wieħed u tletin ċenteżmi (€24,237.31)

bilanċi minnhom dovuti lilll-Bank attur kif fuq ingħad flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mit-13 ta' Marzu, 2015 sal-jum tal-ħlas effettiv;

3) **Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu wkoll **l-ispejjez tal-kawża**.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**20 ta' Ottubru, 2015**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**20 ta' Ottubru, 2015**